Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,030, 11 ta' Novembru, 1994
Taqsima B

A.L. 160 ta' l-1994

ATT TA' L-1994 DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (ATT NRU. XII TA' L-1994)

Ordni ta' l-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Tnaqqis fir-Rata tat-Taxxa)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 19 ta' l-Att ta' l-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Ministru tal-Finanzi qiegħed jordna illi r-rata ta' taxxa li għandha titħallas skond l-imsemmi Att fuq il-valur taxxabbli ta' servizzi msemmija provduti minn aġenti ta' l-ivjaġġar li għandhom jitqiesu bħala provvista waħda ta' servizzi skond ir-Regolamenti ta' l-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Aġenti ta' l-Ivjaġġar), għandha tkun bir-rata ta' għaxra fil-mija.